# IŻ-ŻEWĠ ARLOĠĠI

*Ta' Ġ. CARDONA*

*Lil Dr. Ninu Cremona b'Ħajr*

Min dar ħabibi,
F'din il-Belt Għawdxija
Fejn ngħaddi xi jumejn bit-tjieba tiegħu,
Nisma' sikwit
Fil-ħemda sħuna ta' l-iljiel sajfija,
Ta' wara nofs in-nhar jisreġ, lubieni,
Iż-żewġ arloġġi ħbieb:
Ta' San Franġisk
U tal-Kastell,
Iwennsu l-Belt,
U f'lanja ħelwa,

F'nieqa ta' fwar xaħxieħ,
Ibennu kull maħluq bit-tokki tagħhom.

U mil-Lukanda wkoll,
Smajthom bla heda,
Ngħasi jtajruli...
Ngħas ħafif bla sedqa,
Meta fis-sajf mal-Professur
U ma' l-istudjużi Ingliżi
Għamilna f'Għawdex l-istaħriġ f'Ilsienna.

Smajthom f'kull żjara:
U berren ġewwa moħħi
Il-ħsieb ta' l-għaqda, illi hemm bejniethom:
Qatt ma jitlewmu,
Qatt ma jkollhom piki
Għad-dritta, għax quddiem jew għax it-tieni;
Jafu li l-ħajja ftit troddilna sliema...
U l-hena
Li kultant mill-krib nisiltu,
Ma jaqbel qatt
Bil-biki u bl-għelt immarru.

Ħbieb tabilħaqq,
L-arloġġ ta' S. Franġisk
U tal-Kastell!
Għaqlija:
Għax meta wieħed ftit għajjien
Jistennieh l-ieħor ftit waqtiet bla lewma,
Bħal donnu jrid iwieżnu...
U hekk fil-ħidma tul is-snin li tkiddhom,
Ix-xogħ'l iħeff
U jħennu għal xulxin.

U l-akbar hena tagħhom
Meta bla għira, l-ilħna sbieħ jitwaħħdu
U jdoqqu għalenija
F'armonija ħelwa:
Għax aħwa lkoll
U bl-imħabbiet intaffu
TAL-ĦAJJA D-DIQA!

18 ta' Lulju, 1965